MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 175/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Seguna**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Seguna talli fl-4 ta' Novembru, 2002 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu fi Triq Elia Zammit, Paceville, San Giljan, saq vettura numru ABL-217 (**1**) b'manjiera perikoluza, (**2**) b'manjiera traskurata, (**3**) b'giri aktar milli jmissu, (**4**) kif ukoll fl-istess data, lok u hin saq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura nru. ABL-217 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u aktar (**5**) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limiti preskritti; il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-

provvedimenti ta’ l-Artikolu 15H tal-Kap. 65 u li l-imsemmi Seguna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal periodu ta’ mhux anqas minn sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ l-1 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha din il-qorti sabet lill-imsemmi George Seguna hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa komplessiva ta’ mitejn lira (Lm200), u skwalifikatu mill-licenzja (tas-sewqan) ghal periodu ta’ sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi George Seguna, minnu ppresentat fit-3 ta’ Ottubru, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-imputazzjoni numru hamsa kif ukoll ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta’ Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li filwaqt li l-ewwel qorti laqghet l-argument tieghu li l-analizi tan-nifs ma saritx fil-post stabbilit skond il-ligi (u dan fuq l-iskorta tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Gunju, 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Etienne Turner***) b’mod ghalhekk li huwa kellu jigi liberat mill-imputazzjoni taht l-Artikolu 15B tal-Kap. 65 (il-hames imputazzjoni), dik il-qorti, evidentement bi zvista, sabitu hati skond l-imputazzjonijiet <u>kollha</u> dedotti kontra tieghu, u ghalhekk anke skond il-hames imputazzjoni.

L-appellant ghandu ragun. Hu evidenti minn qari tas-sentenza appellata li l-ewwel qorti kienet qed taqbel mal-linja difensjonali li l-analizi tan-nifs ma saritx konformement ma’ dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali 129/1998 (kif sussegwentement emendat). Dik il-qorti, izda, sabet lill-appellant, allura imputat, hati wkoll skond il-hames imputazzjoni, haga li fic-cirkostanzi ma setghetx taghmilha.

Kwantu ghall-piena, pero`, din il-Qorti tosserva li galadarba l-appellant instab hati ta’ sewqan perikoluz (u mhux biss traskurat) – sejbien ta’ htija li huwa b’ebda mod

ma qieghed jikkontesta – il-piena ta' l-iskwalifika erogata mill-ewwel qorti hija perfettament konfacjenti ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65, li jitkellem dwar skwalifika li m'ghandhiex tkun "anqas minn tlett xhur"[1]. Il-legislatur stabilixxa l-minimu ta' l-iskwalifika, izda mhux il-massimu.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi thassar u tirriforma s-sentanza appellata biss in kwantu din sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjoni numru hamsa (cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15B tal-Kap. 65), u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni, izda tikkonferma l-imsemmija sentenza fil-bqija. Il-periodu ta' l-iskwalifika ta' sitt xhur jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] U f'kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara, ta' "anqas minn sena".